KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 t'Ottubru 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hamsa u ghoxrin (25) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-hamsa u ghoxrin (25) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013 fit-3.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena
10. Genna ta' Gonna... u hafna aktar!
11. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-hamsa u ghoxrin (25) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'materja nru 1.1, u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, DSH, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li nzammet mal-Ministru Joe Mizzi rigward it-trasport pubbliku u r-rotot godda li qed jigu proposti.

3.1.1 Is-Sindku kompla billi qal li wahda mit-tibdil propost hija rotta li ser tibda' tinzel hdejn il-Librerija Pubblika.

3.1.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ippropona li jkun hemm rotta li tinzel hdejn l-iSptar Sir Paul Boffa.

3.1.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jipproponi li r-rotot li jigu minn Mater Dei u jkunu dehlin il-Belt Valletta, jibdew iwaqqfu fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din il-proposta lill-Ministru Joe Mizzi.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-ispazji ta' parkegg li saru fil-Foss ta' Notre Dame u saqsa lill-kunsillier responsabbli biex jiehu hsieb jiccekkja ma' Transport Malta jekk dawn l-ispazji kienux gew approvati minnhom.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-ispazji ta' parkegg riservati li tnehhew minn Harper Lane u qal li tali azzjoni minn Transport Malta kienet wahda arroganti.

3.3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li s-Supretendent tal-isptar Sir Paul Boffa kien gie nformat u kien haseb li l-Kunsill kien gie informat ukoll.

3.3.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkontesta din l-azzjoni ma' Transport Malta kontra l-fatt li l-Kunsill gie njorat f'din id-decizjoni u li ghandu jitlob raguni ghal dan. Il-Kunsill qabel.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba sabiex jinhargu xi permessi tal-gabbani dakinhar tal-attivita' ta' Notte Bianca. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika fejn kienu jinhargu l-permessi fis-snin ta' qabel u jitlob l-approvazzjoni tal-Pulizija bhalma soltu jsir.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-meta kien tnehha l-arblu minn fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill fejn kienu hargu xi konsenturi f'residenza biswit il-Kunsill.

3.5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghalkemm hu ma jsibx oggezzjoni li jsir tkahhil minimu, jekk il-hsara tirrizulta li tkun ikbar minn dik mahsuba, il-Kunsill ikun awtomatikament assuma t-tort tal-hsara kollha.

3.5.2 Ghalhekk il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitlob dikjarazzjoni lill-Awtorita' tad-Djar fejn ikun hemm bil-miktub li dan ix-xoghol li qed jigi propost ser ikun bizzejjed sabiex is-sitwazzjoni tigi rizolta u r-residenza tigi rrestawrata ghall-istat li kienet precedentement u li mhux ser issir l-ebda talba ohra lill-Kunsill biex isiru xoghlijiet relatati ohra.. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani fejn talbu lill-Kunsill jipproponi xi volontiera li jkunu jixtiequ jahdmu b'mod volontarju mal-anzjani. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccirkola dan l-avviz biex min ikun interessat ikun jista' japplika.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kullegg San Gorg Preca fejn talbu permess specjali ghall-parking ta' xi vetturi ghal massimu ta' erbgha sieghat kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha matul il-hinijiet tal-iskola. Il-Kunsill ma qabilx u ma laqax it-talba.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-impjegata Fiona Said fejn talbet estensjoni ghal sena ghall-kuntratt taghha tat-telework.

3.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kontra li din it-talba tigi accettata minhabba diversi ragunijiet.

3.8.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa kemm ilu ghaddej it-telework. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din kienet il-hames talba.

3.8.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu se jsostni l-pozizzjoni tieghu li tmur kontra t-telework u dan ghall-beneficcju tal-ufficcju amministrattiv.

3.8.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li llum-il gurnata l-access ghall-xoghol tal-accounts kien kwazi kollu mill-kompjuter tax-xoghol u l-impjegata ma kelliex access ghas-softwares u l-files relevanti mid-dar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li minkejja li talab rendikont miktub f'forma ta skeda ta' xkien qed isir mid-dar, din it-talba ma kinietx qed tintlaqa' tajjeb u dawn ir-rapporti qatt ma jaslu fil-hin, f'kazijiet waslu gimghat wara. Huwa semma wkoll li l-hin t'attendenza ta` filghodu ma jinzamx.

3.8.5 Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li dawn, accesibilta` tal-informazzjoni u time-management, huma affarijiet bazici rikjesti f'applikazzjoni sabiex tigi evalwata talba ghat-telework.

3.8.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li hu jhoss li prezenza ta persuna fl-ufficju, dejjem tghin aktar, anke semplicement tirrispondi telefonata

3.8.7 Is-Sindku qal li hawnhekk mhux ser inkjesta fuq xi nuqqasijiet, izda fuq it-talba tat-telework. F'kaz ta` nuqqasijeit ohra, ghandhom jitressqu separatament lill-Kunsill u jekk hemm bzonn ikollu jsir Bord ta' Dixxiplina.

3.8.8 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu ma jhossx li ghandu joqghod iressaq kull nuqqas ladarba kien hu l-persuna responsabbli mill-istaff amministrattiv.

3.8.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jistax jivvota favur ladarba l-infrastruttura tal-Kunsill ma tippermettiex l-iffacilitar tax-xoghol mid-dar.

3.8.10 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano favur l-approvazzjoni ta' estensjoni ta' sena ghal telework bil-kundizzjonijiet passati u li kuljum irid jigi pprezentat rendikont ta' dak li jkun sar fil-gurnata ta' qabel mid-dar, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (DSH, VB, ET)
Kontra: 2 (NH, MP)
Astensjonijiet: 0

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sabiex il-Kunsill ikollu l-mobile tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jesplora l-possibiltajiet kollha inkluzi top ups u kuntratti u jiddiskuta din il-materja fil-laqgha li jmiss.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien gie mahtur f'wiehed mill-Bordijiet dwar is-Swieq Lokali.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienux intbaghtu l-ittri lir-residenti koncernati fil-problema tad-drenagg ta' Triq l-Argotti. Is-Sindku Nigel Holland ikkonferma li l-ittri kienu ntbaghtu.

4.2.1 Is-Sindku qal ukoll li kien informat li kien gie miftiehem li titranga il-problema tad-drenagg.

4.2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jispera li ser isir gutter qabel ma jigu tar-Road Servicing jaghmlu x-xoghol.

4.2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm bzonn li jsir gandott hdejn it-22nd January.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li bhalma kien gie diskuss fl-ahhar laqgha, kien hemm bzonn li kull kunsillier jipprezenta lista ta' kumitati / sotto kumitati li kien ippropona u li kienu gew approvati.

5.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ippropona sotto kumitat wiehed li fih kien jinkludi l-materji kollha li kien responsabbli minnhom hu.

5.3 Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jahdmu fuq din il-lista u jipprezentawha lill-ufficcju amministrattiv.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li l-kuntratt ta' l-impjegat Godwin Azzopardi kien jistipola li jassisti fil-laqghat tas-sotto kumitat u ghalhekk il-kunsillieri kellhom jiehdu hsiebu jaghmlu liaison mal-impjegat meta jsiru l-laqghat.

5.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li nhar l-Erbgha fis-6pm kien ser ikun hemm laqgha tas-sottokumitat ghall-Avvanz tal-Mara.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 83-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jitnaqqas mill-allokazzjoni tieghu is-somma pro rata ta' kull laqgha li ma kienx prezenti ghaliha.

7.3 Is-Sindku semma wkoll li fl-iskeda kien hemm imnizzlin zewg pagamenti li kienu diga gew imnizzlin fl-iskeda ta' pagamenti precedenti minhabba zball amministrattiv.

7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11441 sa 11540, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena

9.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li tul dawn l-ahhar gimghat kien kompla jahdem biex jara din l-attivita' kif tista' ssir.

9.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa kif kien baqa' l-kaz ta' Justin Attard. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Avukat tal-Kunsill kien gie nformat biex jittiehdu l-proceduri legali kollha kontra s-Sur Attard.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland ta elenku ta' spejjez li kienu ntefqu matul is-snin fir-rigward ta' din l-attivita'.

9.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien tkellem ukoll ma' Noel Castillo li kien organizza l-ewwel edizzjoni tac-Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena.

9.5 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk qal li l-Kunsill seta' jikkunsidra li l-attivita' tittella' xorta wahda pero' b'mod ridimensjonat. Huwa ta sprojjezzjoni ta xjist jsir, bir-rizultat finali ikun li l-Kunsill johrog il-fondi ta' €15,000, li jeskludu projezzjoni ta €10,000 mill-iskema tal-Gvern Centrali. u kull dhul ulterjuri minn sponsorships / u affarijiet ohra, jonqos b'50% mill-fondi ta' €15,000 mahruga mill-Kunsill.

9.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill ma kellux bzonn hafna performers izda biss performer wiehed tajjeb.

9.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill irid jahdem iktar fuq grand finale ahjar minhabba li hafna jkunu qed jistennew dak il-mument specifiku.

9.8 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa x'inhi l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u qal li jekk il-Kunsill ser ikun fl-estremita' li l-Kunsill ma jkollux flus biex jaghmel bankina biex ikun jista' jaghmel l-attivita', allura hu kien ser jivvota kontra l-proposta.

9.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li jekk l-ammont li l-Kunsill ser ikollu johrog kien ser iwassal biex il-Kunsill jispicca fid-dejn sal-ahhar tas-sena, hu ma setax jivvota favur.

9.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sahqet li l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill kienet diga wahda prekarja u ghalhekk ladarba kien diga hemm affarijiet li m'humiex isiru minhabba n-nuqqas ta' finanzi, allura attivita' bhal din kienet ser tkun daqqa fatali.

**Nota: 16:25 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

9.11 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill kien ilu jopera bid-deficit ghal dawn l-ahhar snin minkejja li kienu qed isiru tentattivi biex jitnaqqsu diversi affarijiet u spejjez, u bhall kull haga ohra, din ser taffetwa ukoll.

**Nota: 16:30 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

9.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitkellem mal-hwienet tax-xorb sabiex johorgu ammont kull wiehed biex tkun tista' tittella' l-attivita' mill-fondi migbura.

9.12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li fil-principju, jaqbel ma' din il-proposta anke minhabba l-fatt li kienu l-hwienet li jibbenefikaw l-iktar minn din l-attivita'.

9.12.2 Is-Sindku qal li ma tista' tobbliga lill-hadd johrog ammont ta' flus u mill-esperjenza tal-passat ma tantx jidher li ser ikun hemm min johrog xi somma sostanzjali.

9.13 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill johrog massimu ta' €5000 u kull dhul ulterjuri jizdied ma' din is-somma.

9.14 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kellu jaghti s-sehem massimu tieghu sabiex jinkisbu sponsorships biex ikun hemm allokazzjoni ikbar ghal din l-attivita'.

**Nota: 17:02 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

9.15 Il-Kunsill qabel b'maggoranza li johrog sa massimu ta' €5000, li jeskludu l-fondi allokati lill-Kunsill mill-iskemi u l-isponsorships li jinghataw lill-Kunsill.

**Nota: 17:06 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

9.16 Ghalhekk il-Kunsill qabel li s-Sindku ghandu jkellem lil Noel Castillo, li kien qal li huwa lest li jahdem bil-fondi li jitpoggew lilu ghad-dispozizzjoni, sabiex ihejji il-programm halli jigi prezentat lill-Kunsill.

## 10.0 Genna ta' Gonna... u hafna aktar!

10.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li jixtieq li din l-attivita' terga' tigi organizzata bil-hsieb li l-ispejjez jinzammu kemm jista' jkun baxxi.

10.2 Is-Sindku qal li diga kienu tnaqqsu ammont ta' spejjez li jinkludu security guards, wardens, ecc.

10.3 Il-Kunsill qabel li l-attivita' ghandha tigi organizzata u li kull spiza ghandha tigi approvata b'memo interna.

## 11.0 Aġġornament tal-laqgħa

11.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |